MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 421/2007

Mariella Scicluna (Id. 207975M).

Vs

Raphael Carabott.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici qeghda titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallasha s-somma ta’ erba mija u tmienja u sebghin lira Maltin (Lm478) in linea ta’ danni kkagonati lilha mill-konvenut stess stante li huwa naqas li jipprezenta l-FS3 ta’ martu l-attrici ghall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2005 sal-21 ta’ Gunju 2005 lill-Kummissajru tat-Taxxi Interni meta l-partijiet kienu jimlew *income tax return* wahda fuq isem il-konvenut, u dan ghalkemm interpellat jaghmel hekk; u li b’konsegwenza tal-agir tieghu l-attrici soffriet danni li jammontaw ghal Lm478, konsistenti fir-rifuzjoni dovuta lilha li kieku l-konvenut ipprezenta d-dokument lill-Kummissarju tat-

Taxxi Interni. Il-partijiet isseparaw legalment fil-21 ta' Gunju 2005 fl-atti tan-Nutar J. Debono. Bl-ispejjes u imghax legali minn Dicembru 2006.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi 1. it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kollha kontra l-istess attrici stante li tali talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; 2. illi kwalunkwe nuqqas hu attribwibbli unikament lill-attrici; 3. illi ma hemm dovut ebda rifuzjoni lill-attrici da parti tal-konvenut; 4. illi t-talba attrici hija insostenibbli u improponibbli stante li ma tinkwadrax ruha f'danni; Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra d-Digriet moghti minnu fil-11 ta' Lulju 2007.

Ra l-affidavit tal-attrici Mariella Scicluna.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti flimkien ma l-affidavit ta' l-attrici.

Ra r-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datat 29 ta' Jannar 2008.

Sema x-xhieda ta' Connie Mecallef prodotta mill-attrici.

Sema x-xhieda ta' Angie Said White prodotta mill-attrici.

Sema x-xhieda tal-konvenut Raphael Carabott.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti mill-konvenut.

Sema x-xhieda ta' Ludgardo Mercieca prodott mill-attrici.

Ra n-nota tal-osservazzjonijiet tal-attrici.

Ra n-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi permezz tal-kawza odjerna, l-attrici qed tippretendi l-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' elf, mija u tlettax il-ewro u erba u erbghin centezmu (€1113.44), (ekwivalenti ghal Lm478) in linea ta' danni minnha sofferti minhabba li l-konvenut naqas milli jibghat l-FS3 taghha ghall-istess perjodu, mal-*income tax return* tieghu ghas-sena 2005 (sena ta' stima 2006), b'konsegwenza li hija ma tistax tinghata r-rifuzzjoni ta' taxxa zejda minnha mhallsa ghall-istess perjodu.

Illi minn ezami tal-provi kollha migbura fil-kawza odjerna, jirrizultaw is-segwenti fatti:-

Fl-ewwel lok, ix-xhud Angie Said White, spjegat illi l-attrici hija intitolata ghal rifuzjoni tat-taxxa fl-ammont ta' Lm476 ghall-perjodu bejn Jannar sa Gunju tas-sena 2005 u li dawn ghadhom ma gewx mhallsa lilha. Hija kkonfermat ukoll li dan l-ammont pero lanqas ma thallas lill-konvenut – u li kwalsiasi *refund* li gja thallas lill-konvenut m'ghandu x'jaqsam xejn ma dan ir-*refund* dovut lill-attrici. Skond l-istess xhud l-*income tax return* ghas-sena tad-dhul 2005 (sena ta' stima 2006) ma gietx mimlija mill-konvenut, izda mid-Dipartiment stess fuq l-informazzjoni li jkun bghat l-*employer* tal-konvenut, u li dawn jissejjhu '*free filers'*. L-istess xhud spjegat illi jekk ikun hemm xi informazzjoni nieqsa fuq ir-*return* li tkun intliet mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni f'dawn il-kazijiet partikolari, allura t-*tax payer* ikun irid jimla *Adjustement Form* sabiex din tigi rrangata. Ix-xhud kompliet tispjega li ma jistax jinhareg ir-*refund* dovut lill-attrici peress li l-konvenut ma meliex l-*Adjustement Form* necessarju fejn hemm bzonn jigi dikjarat id-dhul tal-attrici ghal dak il-perjodu.

Ix-xhud Ludgardo Mercieca in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni wkoll konferma li 'teknikament' l-attrici hija intitolata ghal *refund* ta' €1113.44, ekwivalenti ghal Lm478.

L-istess xhud xehed dwar il-*computations* tat-taxxa tal-partijiet, izda t-Tribunal ma jhossx li ghandu jidhol f'dawn il-kwistjonijiet ghaliex li jghodd hawn huwa jekk kienx hemm agir da parti tal-konvenut li seta' wassal ghal danni allegatament sofferti mill-attrici.

Li hu zgur huwa li l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin fl-20 ta' Gunju 2005, u fi klawsola partikolari tal-kuntratt ta' separazzjoni taghhom kien hemm imnizzel li kull wiehed u wahda minnhom kellu jipprezenta *income tax return* tieghu separat.

Mid-dokumenti esebiti jirrizulta li l-konvenut ipprezenta l-*income tax return* tieghu ghas-sena ta' dhul 2005 (sena ta' stima 2006) fid-19 ta' April tas-sena 2006. Fil-fatt id-Dipartiment tat-Taxxi Interni bghat rcevuta ta' dan lill-konvenut fit-30 ta' Gunju 2006.

F'din il-formola ta' dikjarazzjoni tieghu, l-konvenut indika li kien issepara fl-20 ta' Gunju 2005, u indika biss id-dhul tieghu.

Illi sussegwentement permezz ta' ittra datata <u>2 ta' Ottubru 2006</u>, l-avukat ta' l-attrici baghtet tavza lill-konvenut li l-attrici kienet intitolata ghal rifuzjoni ta' taxxa u li l-attrici stess ma kenitx taf li l-*income* taghha kellu jigi dikjarat fir-*return* tal-konvenut sabiex hija tkun tista' tigi intitolata ghal tali rifuzjoni. Fil-fatt flimkien ma din l-ittra, l-avukat tal-attrici baghtet kopja tal-FS3 tal-attrici ghall-perjodu Jannar sa Gunju 2005, u talbet lill-konvenut sabiex jannetti tali dokument mal-formola ta' *readjustment* tieghu.

Ta' min isemmi wkoll li permezz ta' ittra datata 25 ta' April 2006, mibghuta mill-avukat tal-attrici lill-avukat tal-konvenut, kull ma ntqal huwa li l-konvenut kellu jircievi *refund* li huwa dovut lill-attrici u li malli jircievi tali *refund* kellu jghaddih lill-attrici. Effettivament jirrizulta li tali *refund* qatt ma thallas lill-konvenut u s'intendi ma kienx il-kaz li jghaddih lill-attrici u ghalhekk ma kienx hemm l-ebda nuqqas da parti tieghu f'dan is-sens. F'din l-istess ittra t-Tribunal josserva li ma gie msemmi xejn dwar l-FS3 tal-

attrici, u li dan kellu jigi anness mal-formola tat-taxxa tieghu.

Illi minn dan kollu jirrizulta li la l-attrici ma kenitx taf li d-dhul taghha kellu jigi dikjarat fir-*return* tal-konvenut, ma tistax tipretendi li l-konvenut kellu jkun jaf b'dan. L-obbligu tal-konvenut kien biss li jimla *return* tieghu separat ghal dik is-sena, skond il-kuntratt ta' separazzjoni. Ghalhekk ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas da parti tal-konvenut meta huwa naqas li jsemmi d-dhul tal-attrici fir-*return* tieghu. Oltre dan, huwa gie mgharraf mill-avukat tal-attrici li kellu jannetti l-FS3 tal-attrici mar-*return* tieghu sitt xhur wara li kien lahaq issottometta r-*return* tieghu.

Jekk ghal grazzja tal-argument l-attrici qed tippretendi li sussegwentement il-konvenut kellu jimla *adjustment form* sabiex l-attrici tkun tista' tithallas lura r-*refund* taghha, dan effettivament sar fil-mori tal-kawza u senjatament waqt is-seduta tal-5 ta' Frar 2009, u tali *adjustment form* ghadda f'idejn l-attrici li suppost kellha taghmel dak li kien mehtieg sabiex tinghata r-*refund* dovut lilha.

Fir-rigward ta' dan l-*adjustment form*, ta' min isemmi li dan gie carat biss fil-mori tal-kawza wara li telghu jixhdu sahansitra tlett xhieda in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Hadd mill-partijiet ma kien jaf ezattament x'kellu bzonn isir sabiex jithallas dan ir-*refund* – u dan gie carat biss bl-ghajnuna tat-tlett xhieda in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Illi ghalhekk tenut kont ta' dan kollu, t-Tribunal ma jara l-ebda raguni ghalfejn ghandu jiddikjara li l-konvenut b'xi mod ikkaguna danni lill-attrici, ghaliex ma jidhirx li kien hemm nuqqas da parti tieghu.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jichad it-talba attrici, bla pregudizzju ghal kwalsiasi azzjoni spettanti lilha sabiex tkun tista' tipprotegi d-dritt taghha li tithallas dak allegatament dovut lilha. L-ispejjes tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-attrici.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------